



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 14 ta' Marzu 2011 (15.03)
(OR. fr)**

**7384/1/11
REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:
2008/0062 (COD)**

**CODEC 359
TRANS 65
DAPIX 14
ENFOPOL 53**

NOTA PUNT "I/A" RIVEDUTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: COREPER/KUNSILL

Suġġett: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq
(l-ewwel qari)
- Adozzjoni
a) tal-pożizzjoni tal-Kunsill
b) tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-25 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq ¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1) tat-TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Settembru 2008 ².
3. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari tas-17 ta' Diċembru 2008 ³.

¹ Dok. 7984/08 TRANS 100 CODEC 416 - COM(2008) 151.

² ĠU C 77, 31.03.2009, p. 70.

³ Dok. 17181/08 CODEC 1819 TRANS 478.

4. Fit-3052 laqgħa tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija wasal għal konklużjoni dwar il-qbil politiku rigward id-Direttiva msemmija hawn fuq, filwaqt li jadotta l-Artikolu 87(2) tat-TFUE bħala bażi legali ^{1 2}.
5. Il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 87(2) tat-TFUE ma jikkostitwixxix il-bażi legali adatta.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill:
- jadotta, b'kont meħud tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li tidher fid-dokument 17506/10 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tidher fid-dokument 17506/10 ADD 1 REV 1;
 - jiddeċiedi li fil-minuti ta' din il-laqgħa jdaħħal id-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

¹ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, dawk l-Istati Membri ma jipparteċipawx fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin biha u lanqas soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

² F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.